# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2366

Każ Nru 3217/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Jesmond Nappa Licari

u

Malta Freeport Terminals Limited

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 18 ta' Frar 2015

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors magħmul fit-3 ta' Marzu, 2014, mill-Avv. Ian Spiteri Bailey f'isem Jesmond Nappa Licari fejn dan allega li kien ġie illegalment liċenzjat mis-soċjetà Malta Freeport Terminals Limited fis-17 ta' Jannar 2014. Is-Soċjetà Intimata, li kienet rappreżentata minn John Visanich, assistit mill-Avv Joseph Zammit Maempel, ċaħdet dan. Inżammu sitt seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba differimenti li ntalbu kif ukoll in-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Is-Soċjetà Intimata tallega li r-Rikorrent kien ġie liċenzjat mill-impieg tiegħu bħala *handyman* għax kien falla mix-xogħol mingħajr awtorizzazzjoni, kiser il-proċedura dwar talba għal-*leave* u kellu attitudini u mġieba skorretta u nkorreġġibbli. Ir-Rikorrent jgħid li fl-24 ta' Ottubru 2013 kellu seduta l-Qorti fuq każ ta' manteniment u sar jaf biha lejliet filgħaxija. Fil-

għodu bagħat SMS lil Joe Dalli biex jinfurmah li ma setax jirrapporta għax-xogħol minħabba s-seduta li kellu l-Qorti. Għad li s-Soċjetà Intimata baqgħet tinsisti li l-SMS qatt ma rċivietha huwa jsostni li fill-fatt kien bagħat l-SMS. Għaldaqstant bħal ma jsir is-soltu f'każi ta' emerġenza kellu bilfors jikkomunika b'SMS għaliex ma setax juża t-telefon billi ma kellux iktar *credit* fil-*mobile* tiegħu u *fixed line* ma kellux.

**3 Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal innota li qabel ma ġie liċenżjat ir-Rikorrent kien deher, kif jitlob il-Ftehim Kollettiv, quddiem Bord ta' Dixxiplina li sabithu ħati u ġie deċiż li jitkeċċa. Mar ukoll quddiem Bord ta' Appell li kkonferma l-liċenżjament tiegħu. Huwa ma rnexxilux jipprova quddiem dawn il-bordijiet li fil-fatt kien avża lill-uffiċjal tal-kumpanija li kellu jfalli minħabba s-seduta tal-Qorti li kellu jattendi għaliha.

Jinnota wkoll it-Tribunal li fil-ħajja lavorattiva tiegħu r-Rikorrent ma kienx ċertament *a model employee* iżda dan ma kienx jinċidi fuq il-każ in eżami li kien esklusivament bażat fuq l-allegat nuqqas tiegħu li javża dwar li kien se jfalli mix-xogħol dakinhar.

Dak li ma jirnexxilux jagħmel waqt il-proċeduri dixxiplinarji li kien soġġett għalihom ir-Rikorrent irnexxilu jagħmlu quddiem it-Tribunal għaliex xhud prodott minn Vodafone, is-*service provider* tal-*mobiles* tiegħu u ta' Joe Dalli, ikkonferma li dakinhar tal-inċident kienet fil-fatt saret SMS bejn ir-Rikorrent u u Joe Dalli fil-ħin li r-Rikorrent kien stqarr li saret. Oltre dan ir-Rikorrent wara l-24 ta' Ottubru tal-2014 irritjena fil-*mobile* tiegħu l-messaġġ relevanti u wrieħ lil Joe Dalli li kkonferma dan fi-xhieda tiegħu (seduta tat-2 ta' Lulju 2014 fol.9-10).

It-Tribunal Industrijali huwa konvint li l-messaġġ lil Joe Dalli kien fil-fatt sar u għalhekk ma jarax illi r-Rikorrent kien naqas milli javża dwar *leave,* jew li kiser ir-regolamenti tal-kumpanija f'dan is-sens. Huwa misteru kif il-messaġġ qatt ma wasal għand Joe Dalli għad li l-Vodafone jgħidu li l-messaġ għadda. L-allegazzjoni dwar l-imġieba preċedenti tar-Rikorrent, in-numru ta' twissijiet li kellu u saħansidra l-każ fit-Tribunal Industrijali, diversament presjedut, ma humiex ta' relevanża fil-kuntest ta' dan il-każ li jiffoka biss, kif jirriżulta mill-akkużi tas-Soċjetà Intimata. fuq l-allegat nuqqas dwar it-talba għall-*leave.*

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jsib li r-Rikorrent Jesmond Nappa Licari ġie liċenzjat minn mas-Soċjetà Malta Freeport Terminals Limited għal raġuni li la hija ġusta u lanqas suffiċjenti.

**5. Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent Jesmond Nappa Licari mis-Soċjetà Intimata Malta Freeport Terminals Ltd fl-ammont ta' €4,000. Dawn iridu jitħallsu sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2015

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**6. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 id-drittijiet dovuti lil kull min assista lill-partijiet huma ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja